# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 138/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Edward Borg**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Edward Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 258071(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Ġunju 2017 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. ħebb għal Elaine Borg u kkaġuna ġriehi ta' natura ħafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iċċertifika Dr. Mark A. Bailey.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta u fejn illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena. Il-Qorti fissret fi kliem ċar il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**TĦASSAR** is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu, 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Edward Borg** u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulent legali tal-appellant għamel sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Marzu 2018.

Illi qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- L-appellant u l-mara tiegħu huma separati u għandhom tifla flimkien. L-appellant ġie akkużat li sawwat lit-tifla Elaine Borg meta kienet marret għandu. Borg tgħid li sawwatha għaliex ma riditx toqgħod miegħu u tgħid ukoll li sawwatha fuq il-parti ta' ġewwa tal-koxxa ta' saqajha x-xellugija u fuq idejha xellugija fejn għamlilha xi tbenġil. Jingħad li t-tifla reġgħet ġiet imsawwta fuq il-koxxa ta' saqajha l-leminija u idejha leminija li kawżatilha uġigħ iżda ma kienx hemm tbenġil. Inoltre jingħad li l-appellant kien ta lit-tifla daqqa ġo darha waqt li kienet rieqda f'waħda minn dawk il-ġranet u li huwa f'okkazjonijiet kien jidħol fil-kamra tal-banju waqt li tkun qed tinħasel u jgħidilha biex toqgħod iddur bħala ballerina u dan sabiex jiċċekja iżda qatt ma messha.

  Fit-28 ta' Ġunju 2017 Elaine Borg kienet flimkien ma' ommha kienet marret l-iSptar u ġiet eżaminata minn Dr. Mark A. Bailey mill-*Paediatric Emergency Department* fejn iċċerifika hekk (*a fol.* 28): *"On examination Elaine was a pleasant, outgoing girl who cooperated fully with the examination. The bruising on the left thigh and forearm were confirmed with the bruise on the left thigh measuring about 4 x 3 cm and the one on the flexor aspect of the left forearm about 1cm in diameter. There was bruising on the right shin too but mum said it is due to her normal activities. There was no bruising at the other sites where she allegedly had been hit. Systemic examination was otherwise normal.'*

  Fit-30 ta' Ġunju 2017 is-sinjura Borg wasslet lil minuri għall-aċċess għand missierha u l-minuri ma riditx toqgħod ma' missierha. It-tifla bdiet tkisser xi muggijiet u biex ma tkomplix tkisser il-missier żammha minn idha. X'ħin

semgħet it-twerżiq tat-tifla, l-omm marret bil-*mobile* u ġibdet filmat ta' dak li kien qed jiġri, liema filmat jinsab fl-atti proċesswali.

- Meta xehdet **Ritchel Musa Lotino Borg** (*a fol.* 149 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta hija qalet li kienet innutat xi tbenġil fuq it-tifla u li għalhekk ħaditha l-*clinic* iżda minn hemm bagħtuha l-iSptar. Tgħid li ħadet il-*filmat* għax l-appellant kien dejjem jinnega dak li jiġri. Tgħid li kienu dejjem jispiċċaw għand il-Pulizija minħabba l-aċċess għat-tifla u dana peress li t-tifla kienet tirrifjuta li toqgħod ma' missierha. Tispjega li stenniet bejn ħames minuti sa għaxar minuti ftit 'il bogħod mill-garaxx tal-eks raġel tagħha u x'ħin semgħet lil minuri tibki u tgħajjat u hu beda jgħajjat magħha marret tiġri bil-*mobile* tiġbed il-filmat. Mistoqsija tgħid jekk it-tifla kinitx qed taraha waqt li kienet qed tistenna barra wieġbet fin-negattiv minħabba kif inhi t-triq.

- Il-minuri **Elaine Borg** (*a fol.* 175 *et seq.*) xehdet ukoll quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn hija mal-ewwel uriet ix-xewqa li ma tmurx għand missierha u qalet hekk (*a fol.* 178):

> *"[...] he always smacks me, pulls my hair, he tells me to do some housework.*
>
> *[...]*
>
> *touches my private, pulls my hair, tell me to do housework.*
>
> *[...] and he tells me to give him massage."*

Mistoqsija tgħid kemm-il darba ġraw dawn l-affarijiet, wieġbet li kienu jiġru ħafna drabi. Hija tgħid li kien iqabbadha (*a fol.* 179): *"cleaning the floor, arranging his bed, cleaning the table, putting the clothes in the washing machine"*. Tgħid li kienet tobdih u li jekk ma kienx ikun kuntent b'dak li

tkun għamlet, *"he smacks me and pulls my hair'"* (*a fol.* 179). Aktar tard tgħid li apparti li kien jiġbidilha xagħarha, kien ukoll imessilha l-parti privata tagħha u jgħidilha biex tiżfen bħala ballerina mingħajr ħwejjeġ. Mistoqsija tgħid għandhiex xi parti f'ġisimha fejn juġagħha, hija tindika l-parti privata tagħha u tgħid li jweġġagħha bl-ixkupa u tindika r-riġel ta' ġewwa u fuq wara tas-sieq. Tgħid li d-dar ikunu waħedhom. Tispjega li fil-garaxx iqabbadha ġġiblu xi martell jew kotba u mistoqsija tgħid jekk toħroġx ma' missierha meta tmur għandu, hija tagħżel li ma tirrispondix. Rigward l-inċident ġol-garaxx għall-ewwel tgħid li ma tiftakarx imbagħad tiftakar li waqqgħet xi tmien muggijiet u li minħabba f'hekk hija tgħid (*a fol.* 187): *"he smacked me"*. Meta ġiet mistoqsija tgħid fejn, wieġbet (*a fol.* 187): *"My legs and on my arms, on my face and he pulled my hair."* Tiftakar li fil-garaxx magħhom kien hemm raġel imma ma tafx min kien. Mistoqsija tgħid jekk missierha kienx qed iżommha biex ma tweġġgħax minħabba li setgħet tweġġa', wieġbet fin-negattiv u qalet li kienet ċerta dwar dan.

- L-appellant **Edward Borg** (*a fol.* 189 *et seq.*) xehed li fit-30 ta' Ġunju 2017 it-tifla ma riditx tidħol, ommha bdiet tiġbidha biex ma tidħolx u biex ma titlaqx it-tifla għalaq ix-xatba. Jgħid li t-tifla bdiet tibki u l-ewwel qalbet barmil bl-ilma, waddbet xkupa u flixkun tas-sapun, u mbagħad bdiet toħroġ il-muggijiet minn ġol-kaxxi u twaddabhom. Jgħid li dak il-ħin qabadha minn idha biex ma tmurx fuqhom u hi bdiet tibki u titmiegħek mal-art. Jinsisti li ma għandux saħħa f'idejh u li hu ma sawwathiex. Jgħid li jista' jagħti l-każ li għafasha naqra x'ħin bdiet tagħmel is-saħħa u telqet tiġri. Jgħid ukoll li t-tifla magħmula żgħira u jista' jkun li għalhekk telgħetilha tbenġila. Jispjega li wara li telqet ommha, it-tifla ikkalmat, inħaslet u ħarġu flimkien. Jiċħad li sawwatha u jsostni li t-tifla jgħajjat magħha meta ma tobdix għax għandha rasha iebsa. Jgħid li hu jżommha fuq wiċċ l-idejn. Jispjega li t-tifla ma tkunx trid tmur miegħu meta tara lil ommha. Jgħid

li l-inkwiet beda biex jiġbor lit-tifla mill-iskola wara li ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni.

- **Owen Lewis** (*a fol.* 195 *et seq.*), li kien preżenti mal-appellant fit-30 ta' Ġunju 2017, jgħid li huwa kien qiegħed fil-garaxx mal-appellant jgħinu jpoġġi xi muggijiet ġo posthom peress li kien jaf li l-appellant kellu bżonn l-għajnuna. Jgħid li mar għat-tifla minn ħdejn ommha u kellu jiġbidha minn idha biex idaħħalha ġewwa fil-garaxx. Jispjega li hekk kif daħlet b'sens ta' ribelljoni, hija qalbet l-ilma u s-sapun u bdiet tkisser il-muggijiet li kienu qed jirranġaw dak il-ħin. Jgħid li ra lill-appellant iżomm lit-tifla minn idha. Meta mistoqsi jgħid kienx aggressiv magħha, wieġeb (*a fol.* 200): *"Jaqbadha hux biex iżommha"* u meta mistoqsi kif qabadha, wieġeb (*a fol.* 200): *"Ħeqq jien ma nafx il-qawwa ta' bniedem ieħor. Kif tridni nkun naf il-qawwa ta' bniedem ieħor?".* Mistoqsi jgħid jekk dakinhar rax lill-appellant jerfa' jdejh fuq it-tifla, wieġeb (*a fol.* 200): *"Le. Kemm żammha, onestament qed ngħidlek."*

- **Josette Camilleri** (*a fol.* 201 *et seq.*) xehdet li kienet tmur tgħin lill-appellant bit-tifla billi tmur għaliha l-iskola bil-vettura, tagħmlilha xi ħaġa tal-ikel, toqgħod magħha għal *homework* u taħsilha hi. Tgħid li qatt ma rat lill-appellant isawwat lit-tifla jew jerfa' jdejh fuqha. Tiftakar biss li kien jikkoregiha bil-kliem biex tiekol. Tgħid ukoll li t-tifla ma kinitx tkun trid tmur għand missierha u kienet tibki għal ommha. Tispjega li ma baqgħetx tmur aktar tgħinu għax kellha lit-tifla tagħha stess li kellha bżonn ta' ħafna għajnuna medika u li għalhekk ma setgħetx tibqa' tgħinu.

- **Frances Attard** (*a fol.* 206 *et seq.*) xehdet li hija n-*nurse* li tgħin lill-appellant jinżel mis-sodda filgħodu u jitla' fiha filgħaxija. Hi tgħid li meta kien ikun hemm it-tifla kien jitlob li tmur hi u qabel ma titlaq kienet tiċċekja kinitx tkun rieqda u li tkun mgħottija.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant isostni li s-sentenza appellata hija diffetuża fil-forma għax mhijiex konformi ma' dak rikjest mill-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza li tgħid li l-inosservanza ta' xi wieħed mir-rekwiżiti tal-Artikolu 382 imsemmi jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali u li għalhekk iġib in-nullita' tas-sentenza. Huwa jeżebixxi kopja tal-komparixxi u kopja tal-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-16 ta' Marzu 2018 (meta ngħatat is-sentenza appellata).

Illi din il-Qorti fliet is-sentenza appellata li tinsab fl-atti proċesswali (*a fol.* 126 *et seq.*) fejn fiha jingħad hekk:

> "Wara li rat l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Din il-Qorti qiegħda ssib lill-imsemmi imputat ħati tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena.
>
> Il-Qorti fissret fi kliem ċar, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat". [emfażi miżjuda]

Illi minn qari ta' dak hawn fuq ikkwotat u meħud in konsiderazzjoni dak li jiddisponi Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li r-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu huma kollha preżenti fis-sentenza appellata u għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti, fit-tielet aggravju jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx l-aħjar prova li jmur oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant flimkien peress li jirrigwardaw il-provi mressqa.

Illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti għarblet ix-xhieda kollha li xehdu u rat anke il-filmat eżebit fl-atti proċesswali u dana sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha. Fil-filmat it-tifla tidher li qed tieħu kedda tibki u jidher l-appellant qed iżommha minn idha u tinżel mal-art waqt li qed iżommha. L-omm titlaq tiġri biex tiġbed il-filmat naqra iktar 'l isfel minn fejn jinsab il-garaxx wara li semgħet lit-tifla tgħajjat u tibki. X'ħin l-appellant jinnota lil omm it-tifla qed tiġbed il-filmat huwa jitlaq lit-tifla minn idha u jħalliha tmur tiġri

lejn ix-xatba tal-garaxx waqt li t-tifla taqbad mal-ħadid tal-istess xatba u tibki għal ommha. Huwa evidenti li għalkemm l-appellant jgħid li ma għandux saħħa jiftaħ flixkun, li huwa uża forza żejda fuq it-tifla dak il-ħin tant li tbenġlet u dan anke jidher fiċ-ċertifikat eżebit u mir-ritratti tal-istess tbenġil fuq it-tifla.

Illi x-xhieda kollha li ressaq l-appellant kollha xehdu li qatt ma rawh isawwat lit-tifla pero' fix-xiehda tagħha t-tifla ripetutament tikkonferma li huwa jiġbdilha xagħarha, jagħtiha ġo wiċċha, fuq idha u fuq saqajha jekk tagħmel xi ħaġa li lilu ma togħġbux u żżid tgħid li anke juża l-*pick up tool* tiegħu (li hija tirreferi għaliha bħala xkupa) biex jagħtiha. Fix-xiehda tagħha t-tifla qatt ma tagħmel riferenza għal ħadd iktar fid-dar meta jkun hemm hi. Iżda meta tiftakar dwar l-inċident tal-muggijiet li kissret fil-garaxx, tagħmel riferenza għal Owen Lewis u li kienet dik id-darba li kien hemm biss. Hija qatt ma tagħmel riferenza għas-sinjura Camilleri li skontha kienet tiegħu ħsieb it-tifla meta kienet tkun għand missierha.

Illi din il-Qorti tinsab konvinta li t-tbenġil in kwistjoni kien ir-riżultat ta' kif żamm lit-tifla dakinhar l-appellant u li għalhekk ma hijiex tal-fehma li tvarja l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant anke it-tieni u t-tielet aggravju qed ikunu miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Edward Borg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**